REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/861

tal-1 ta' Ġunju 2022

li jistabbilixxi regoli eċċezzjonali għat-tieni talbiet tal-Istati Membri għall-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel u li jidderoga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni, għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25, l-ewwel paragrafu, il-punt (d) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-aggressjoni militari mir-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022 wasslet għal influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna għall-Unjoni, li ħafna minnhom huma nisa u tfal. Diversi Stati Membri qed jiffaċċjaw sfidi bla preċedent sabiex lil dawn it-tfal spostati mill-Ukrajna jintegrawhom malajr fis-sistemi edukattivi tagħhom.

(2) L-iskema ta' għajnuna għall-provvista ta' frott u ħxejjex u ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fi stabbilimenti edukattivi ("l-iskema għall-iskejjel"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 hija mmirata għat-tfal li jattendu b'mod regolari n-nurseries, l-iskejjel preprimarji jew l-istabbilimenti edukattivi fil-livell primarju jew sekondarju fl-Istati Membri. Għalhekk, it-tfal spostati mill-Ukrajna u integrati fis-sistemi edukattivi tal-Istati Membri huma eliġibbli għall-parteċipazzjoni fl-iskema għall-iskejjel. Minħabba ż-żieda fl-għadd ta' tfal eliġibbli, f'termini assoluti jew f'perċentwal tal-popolazzjoni, diversi Stati Membri li jinsabu fuq quddiem nett tal-azzjoni ta' rispons għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-iskema għall-iskejjel kif ippjanat, jekk ma tiżdiedx l-allokazzjoni tagħhom ta' għajnuna tal-Unjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ([3]), sal-31 ta' Jannar 2022, l-Istati Membri ressqu t-talbiet tagħhom lill-Kummissjoni, għall-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel b'rabta mas-sena skolastika 2022/2023, mill-1 ta' Awwissu 2022 sat-31 ta' Lulju 2023. Abbażi ta' dawk it-talbiet, imressqa qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Kummissjoni ffissat l-allokazzjonijiet definittivi tal-għajnuna tal-Unjoni skont l-Istat Membru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/493 ([4]). L-informazzjoni disponibbli dwar il-livell ta' użu tal-allokazzjonijiet definittivi tal-għajnuna tal-Unjoni fis-snin skolastiċi li għaddew, minn xi Stati Membri tindika r-riskju li xi Stati Membri jistgħu ma jkunux jistgħu jużaw kompletament l-allokazzjoni definittiva tagħhom.

(4) Minħabba l-ħtiġijiet il-ġodda li nqalgħu, u bħala turija ta' solidarjetà tal-Unjoni u tal-Istati Membri mal-Ukrajna, jixraq li jiġu stabbiliti regoli eċċezzjonali li jippermettu lill-Istati Membri biex, sal-15 ta' Ġunju 2022, iressqu t-tieni talba għall-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun marbuta mal-ħtieġa li jiġu koperti t-tfal spostati mill-Ukrajna rreġistrati fl-istabbilimenti edukattivi tal-Istati Membri f'dak il-perjodu. Jenħtieġ li l-Istati

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/493 tal-21 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u l-31 ta' Lulju 2023 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/462 (ĠU L 100, 28.3.2022, p. 55).

Membri jkunu jistgħu jindikaw humiex lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni definittiva tagħhom tal-għajnuna tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493, inkella l-ammont tal-allokazzjoni definittiva li ma jintalabx, f'każ li ma jkunux lesti jużaw l-ammont kollu ta' dik l-allokazzjoni. Jenħtieġ li l-ewwel possibbiltà tkun limitata għall-Istati Membri li jkunu wrew assorbiment xieraq tal-allokazzjoni definittiva tagħhom tal-għajnuna tal-Unjoni, abbażi tal-eżekuzzjoni finanzjarja fis-sena skolastika 2018/2019, li kienet l-aħħar sena skolastika qabel il-pandemija tal-COVID-19. It-talbiet tagħhom jenħtieġ li jkunu bbażati biss fuq l-għadd ta' tfal spostati mill-Ukrajna li jaqgħu fil-grupp fil-mira definit fl-istrateġija tal-Istati Membri skont l-Artikolu 2(1), il-punt (f), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, ġustifikati kif suppost abbażi tad-*data* disponibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri li ma jressqux it-tieni talba, jitqiesu li kkonfermaw l-allokazzjonijiet definittivi stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493.

(5) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 jistabbilixxi r-regoli għar-riallokazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiffissa l-ammont definittiv ta' għajnuna billi talloka mill-ġdid l-allokazzjonijiet indikattivi mhux mitluba jew il-partijiet minnhom mhux mitluba. Jixraq li ssir deroga minn dawk ir-regoli biex il-Kummissjoni tkun tista' tqis ukoll talbiet ġodda marbuta mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja sabiex tiffissa allokazzjoni definittiva riveduta tal-għajnuna tal-Unjoni għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023. F'konformità mal-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, ir-riallokazzjoni ta' kwalunkwe ammont mhux mitlub ta' allokazzjonijiet definittivi tal-għajnuna tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq l-għadd ta' tfal fl-Istati Membri ta' bejn sitta u għaxar snin.

(6) Filwaqt li titqies it-tieni talba għall-għajnuna tal-Unjoni, hemm bżonn li l-iffissar tal-allokazzjonijiet definittivi tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023, isir malajr kemm jista' jkun biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippjanaw u jwettqu l-attivitajiet preparatorji meħtieġa fi żmien xieraq għall-implimentazzjoni tal-iskema għall-iskejjel. Minħabba dan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023, sal-15 ta' Ġunju 2022, l-Istati Membri jistgħu jressqu it-tieni talba għall-għajnuna tal-Unjoni, li tindika:

(a) li lesti li jużaw aktar mill-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u/jew għall-ħalib fl-iskejjel stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 u l-ammont addizzjonali mitlub, f'każ li tkun disponibbli allokazzjoni addizzjonali; inkella

(b) l-ammont tal-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u/jew għall-ħalib fl-iskejjel stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 li mhuwiex mitlub, f'każ li ma jkunux lesti jużaw l-ammont kollu ta' dik l-allokazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu biss ammont addizzjonali ta' għajnuna tal-Unjoni skont l-ewwel paragrafu, il-punt (a), meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għas-sena skolastika 2018/2019 matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2018 sal-31 ta' Lulju 2019 ikun ta' 75 % jew aktar, filwaqt li jitqiesu d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa mibgħuta lill-Kummissjoni dwar in-nefqa li tkun saret sal-31 ta' Diċembru 2021, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ([5]). It-talba tagħhom għandha tkun marbuta mal-għadd ta' tfal spostati mill-Ukrajna li jappartjenu għall-grupp fil-mira definit fl-istrateġija tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 2(1), il-punt (f), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, fil-ħin tat-tressiq ta' dik it-talba u għandha tkun ġustifikata kif suppost abbażi tad-*data* disponibbli.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59).

Meta Stat Membru ma jressaqx talba għall-għajnuna tal-Unjoni skont l-ewwel paragrafu, dan għandu jitqies li kkonferma l-allokazzjonijiet definittivi stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, sal-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, li tqis ukoll it-tieni talbiet għall-għajnuna tal-Unjoni mressqa skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament biex tiffissa l-allokazzjonijiet definittivi tal-għajnuna tal-Unjoni għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN